Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021

P9_TA(2021)0357

Il-piena tal-mewt fl-Arabja Sawdija, b'mod partikolari l-każijiet ta' Mustafa Hashem al-Darwish u Abdullah al-Howaiti

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2021 dwar il-piena tal-mewt fl-Arabja Sawdija, b'mod partikolari l-każijiet ta' Mustafa Hashem al-Darwish u Abdullah al-Howaiti (2021/2787(RSP))

(2022/C 99/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Arabja Sawdija, b'mod partikolari dawk tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi fil-konsulat Sawdi f'Istanbul [1], tal-14 ta' Frar 2019 dwar id-difensuri tad-drittijiet tan-nisa fl-Arabja Sawdija [2], tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar is-sitwazzjoni tal-migranti Etjopjani fiċ-ċentri tad-detenzjoni fl-Arabja Sawdija [3] u tal-11 ta' Frar 2021 dwar is-sitwazzjoni umanitarja u politika fil-Jemen [4],

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Josep Borrell, tal-10 ta' Diċembru 2020 fil-Kunsill Affarijiet Barranin li "d-drittijiet tal-bniedem huma parti mid-DNA tal-Unjoni Ewropea",

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR) tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra (UNCAT),

— wara li kkunsidra l-Eżami Perjodiku Universali (EPU) tal-Arabja Sawdija ta' Novembru 2018,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC),

— wara li kkunsidra r-Regoli Standard Minimi tan-NU dwar it-Trattament tal-Priġunieri ("Regoli Mandela"),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Karta Għarbija tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tar-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar il-kommutazzjoni tas-sentenzi tal-mewt tat-3 ta' Marzu 2021,

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, Agnes Callamard, ta' Ġunju 2021, li jiddikjara li l-Arabja Sawdija hija responsabbli għall-"eżekuzzjoni premeditata" tal-ġurnalist Sawdi Jamal Khashoggi (ir-Rapport Callamard),

---

[1] ĠU C 345, 16.10.2020, p. 67.
[2] ĠU C 449, 23.12.2020, p. 133.
[3] Testi adottati, P9_TA(2020)0260.
[4] Testi adottati, P9_TA(2021)0053.

Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, Mary Lawlor, li janalizza l-qtil ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Arabja Sawdija, ippreżentat waqt is-46 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Marzu 2021,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Uffiċċju tad-Direttur tal-Intelligence Nazzjonali li jivvaluta r-rwol tal-gvern Sawdi fil-qtil ta' Jamal Khashoggi, ippubblikat fi Frar 2021,

— wara li kkunsidra l-fatt li Loujain al-Hathloul ingħatat il-Premju Vaclav Havel għad-Drittijiet tal-Bniedem 2020 mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Renju tal-Arabja Sawdija impenja ruħu li jabolixxi l-piena tal-mewt għad-delinkwenti minorenni kollha mingħajr eċċezzjoni sal-2016 permezz ta' leġiżlazzjoni ġdida, u kkonferma dan l-impenn f'dikjarazzjonijiet diplomatiċi; billi dawn id-dikjarazzjonijiet saru mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Arabja Sawdija f'Settembru 2016 fil-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, kif ukoll f'Awwissu 2018, meta ddikjara li "jekk ir-reat imwettaq mill-minorenni jkun punibbli bil-mewt, is-sentenza għandha titnaqqas għal terminu ta' mhux aktar minn 10 snin detenzjoni fl-istituzzjoni";

B. billi l-Liġi dwar il-Minorenni tal-2018 tal-Arabja Sawdija, promulgata b'Digriet Reġju fil-31 ta' Lulju 2018, tiddikjara fl-Artikolu 15 li "jekk ir-reat imwettaq mill-minorenni jkun punibbli bil-mewt, is-sentenza għandha titnaqqas għal terminu ta' mhux aktar minn 10 snin detenzjoni fl-istituzzjoni"; billi l-Eżami Perjodiku Universali tal-2018 tal-Arabja Sawdija fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU sussegwentement innota li l-pajjiż kien għamel "progress notevoli fil-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tat-tfal, il-protezzjoni tagħhom u l-fedeltà lejhom";

C. billi fil-15 ta' Ġunju 2021, Mustafa Hashem al-Darwish, żagħżugħ Sawdi mill-minoranza Shi'a, ġie ġġustizzjat għal reati li gruppi tad-drittijiet jgħidu li seta' wettaq bħala minorenni, minkejja t-tħabbira reċenti tar-renju li kien abolixxa l-piena tal-mewt għall-minorenni; billi ġarrab perjodu twil ta' arrest preventiv, tortura, u proċess inġust għall-aħħar; billi l-akkużi kontra al-Darwish ma jispeċifikawx id-data eżatta li fiha seħħew l-allegati reati tiegħu, li jfisser li hemm probabbiltà li kien minorenni meta seħħew l-allegati reati, u għalhekk li s-sentenza tiegħu għandha tiġi riveduta skont liġijiet nazzjonali ġodda dwar l-użu tal-piena tal-mewt kontra dawk taħt it-18-il sena;

D. billi Abdullah al-Howaiti ttella' l-qorti fi proċess kollettiv ta' sitt individwi f'każ ta' serqa bl-użu ta' armi; billi l-Qorti Kriminali f'Tabuk (fit-Tramuntana tal-Arabja Sawdija) ikkundannat lil Abdullah al-Howaiti għall-mewt fis-27 ta' Ottubru 2019 minkejja l-fatt li l-kampjun ta' DNA tiegħu ttieħed wara l-arrest tiegħu, u dan invalida l-identifikazzjoni tiegħu bħala suspettat possibbli; billi al-Howaiti ġie arrestat f'Mejju 2017, meta kellu 14-il sena; billi, skont id-dokumenti tal-qorti, huwa nżamm f'iżolament għal erba' xhur u ġarrab tortura matul l-interrogazzjoni tiegħu mingħajr il-preżenza tal-ġenituri jew tal-avukat tiegħu; billi matul dan iż-żmien inżamm fl-Unità tal-Investigazzjonijiet Kriminali ta' Tabuk, minflok f'ċentru ta' detenzjoni għall-minorenni; billi Abdullah al-Howaiti, li kellu 14-il sena meta seħħew l-allegati reati tiegħu, għadu detenut u kkundannat għall-mewt; billi l-Qorti Suprema ilha teżamina l-każ tiegħu minn Ġunju 2021;

E. billi fit-23 ta' April 2019 l-awtoritajiet Sawdin iġġustizzjaw sitt delinkwenti minorenni: Saeed al-Scafi, Salman al-Quraish, Abdul Aziz al-Sahawi, Abdul Karim al-Hawaj, Abdullah al-Asrih u Mujtaba al-Sweikat; billi mill-inqas disa' delinkwenti minorenni oħra bħalissa jinsabu f'riskju ta' eżekuzzjoni;

F. billi bħalissa għad hemm mill-inqas 40 detenut fl-Arabja Sawdija f'riskju ta' eżekuzzjoni; billi dan in-numru jinkludi diversi każijiet ta' allegati reati mwettqa bħala minorenni u kritiċi paċifiċi bħall-istudjużi Iżlamiċi Salman al-Odah u Hassan al-Maliki, li għalihom il-prosekutur pubbliku għadu jitlob il-piena tal-mewt;

G. billi l-Arabja Sawdija ilha għal ħafna snin fost il-pajjiżi li jwettqu l-ogħla numru ta' eżekuzzjonijiet fid-dinja; billi minn Jannar 2015 kien hemm aktar minn 800 eżekuzzjoni, għadd kbir minnhom għal reati mhux vjolenti b'rabta mad-droga, filwaqt li oħrajn kienu għal reati deskritti mill-awtoritajiet bħala relatati mat-terroriżmu iżda li kienu paċifiċi;

H. billi l-Arabja Sawdija wettqet total ta' 32 eżekuzzjoni fl-ewwel nofs tal-2021, aktar min-numru għall-2020 kollha, u minn mindu impenjat ruħha għall-ewwel darba li tabolixxi l-piena tal-mewt għad-delinkwenti minorenni, iġġustizzjat mill-inqas tmien delinkwenti minorenni;

I. billi wara Digriet Reġju Sawdi tal-2020, is-sentenzi tal-mewt għandhom jinbidlu għall-individwi li wettqu reati meta kienu minorenni; billi d-digriet fih diversi lakuni li jħallu diversi modi biex il-minorenni jibqgħu jiġu ġġustizzjati, pereżempju bl-esklużjoni ta' sentenzi tal-mewt li jikkonċernaw *hudud* (reati b'sentenzi predeterminati) jew *qisas* (reati b'sentenzi bbażati fuq retribuzzjoni) u każijiet imressqa fl-ambitu tal-Liġi Kontra t-Terroriżmu;

J. billi l-Arabja Sawdija bidlet is-sentenzi tal-mewt imposti fuq is-Sur Ali al-Nimr, is-Sur Dawood al-Marhoon u s-Sur Abdullah al-Zaher għal reati li l-esperti preċedentement kienu jqisu bħala kriminalizzazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà ta' għaqda u ta' espressjoni, u li allegatament wettqu bħala minorenni; billi ġew ikkundannati mill-ġdid għal 10 snin ħabs, inkluż iż-żmien li diġà għamlu l-ħabs; billi l-esperti tan-NU talbu l-ħelsien tagħhom;

K. billi minkejja t-tħabbira tal-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Arabja Sawdija dwar il-moratorju fuq il-pieni tal-mewt għal reati relatati mad-droga f'Jannar 2021, għadha ma ġiet ippubblikata ebda bidla fil-liġi, u l-piena tal-mewt għadha fid-diskrezzjoni tal-imħallfin u tal-awtoritajiet;

L. billi l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fid-dinja kollha hija wieħed mill-objettivi ewlenin tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

M. billi matul dawn l-aħħar xhur, diversi attivisti tad-drittijiet tal-bniedem ingħataw sentenzi ħorox ta' ħabs fi proċessi mfixkla minn nuqqas ta' proċess ġust u minn allegazzjonijiet kredibbli ta' tortura; billi Abdurahman al-Sadhan ingħata sentenza ta' 20 sena ħabs u 20 sena projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar għal attivitajiet relatati ma' tweets li jikkritikaw il-gvern; billi l-proċess tiegħu kiser serjament il-garanziji internazzjonali ta' proċess ġust;

N. billi f'Marzu 2021 Mohammed al-Otaibi, fundatur tal-Unjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem, li jappoġġa l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u t-tisħiħ tar-rwol tan-nisa fis-soċjetà, kellu s-sentenza ta' ħabs tiegħu miżjuda minn 14-il sena għal 17-il sena għall-attiviżmu paċifiku tiegħu favur id-drittijiet tal-bniedem;

O. billi għadd kbir ta' nisa arrestati matul ir-repressjoni tal-2018 tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa ngħataw sentenzi twal ta' ħabs unikament minħabba l-attiviżmu tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem; billi dan l-aħħar l-awtoritajiet Sawdin ħelsu lil difensuri tad-drittijiet tan-nisa mill-ħabs, fosthom Loujain al-Hathloul's, Nouf Abdulaziz, Samar Badawi u Nassima al-Sada; billi s-sentenzi tagħhom ġew sospiżi biss, u l-awtoritajiet Sawdin imponew projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li nħelsu;

P. billi l-Liġi tal-2017 dwar il-Ġlieda kontra r-Reati tat-Terroriżmu u l-Finanzjament tiegħu tiddefinixxi t-terroriżmu f'termini vagi u ma tirrikjedix l-użu tal-vjolenza sabiex azzjoni tiġi kategorizzata bħala att terroristiku;

Q. billi skont ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, l-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jwettqu abbużi permezz tal-użu ta' teknoloġija ta' sorveljanza elettronika; billi kontrolli ġodda fuq it-teknoloġija tas-sorveljanza ċibernetika ddaħħlu fir-regolament aġġornat tal-UE tal-2021 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju ([5]);

R. billi r-Renju tal-Arabja Sawdija għandu wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' ratifika tat-trattati internazzjonali ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem, u ma aderixxiex ma' trattati ċentrali dwar id-drittijiet tal-bniedem li jiffurmaw il-qalba normattiva tad-dritt għall-ħajja, bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR);

S. billi t-tortura u t-trattament degradanti fil-ħabsijiet huma prattiki mifruxa fl-Arabja Sawdija, u jintużaw kemm waqt l-interrogazzjoni biex jinkisbu konfessjonijiet kif ukoll bħala forma ta' kastig matul id-detenzjoni; billi l-allegazzjonijiet ta' tortura rarament jiġu investigati;

([5]) ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1.

Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021

1. Jikkundanna bil-qawwa l-eżekuzzjoni kontinwa tar-Renju tal-Arabja Sawdija ta' delinkwenti minorenni minkejja l-istqarrijiet tiegħu li abolixxa tali eżekuzzjonijiet, inkluż l-eżekuzzjoni reċenti ta' Mustafa Hashem al-Darwish għal reati li setgħu seħħew meta kien minorenni wara l-kundanna tiegħu fi proċess inġust li jinvolvi konfessjoni tiegħu miksuba taħt tortura, kif ukoll il-fatt li bħalissa hemm mill-inqas 40 detenut fl-Arabja Sawdija f'riskju ta' eżekuzzjoni, inkluż mill-inqas disa' għal allegati reati mwettqa bħala minorenni, u kritiċi paċifiċi tal-gvern;

2. Jistieden lill-Arabja Sawdija tikkonferma li Abdullah al-Howaiti, Mohammed Al-Faraj u d-delinkwenti minorenni l-oħra kollha li bħalissa qed jistennew il-piena tal-mewt mhux se jiġu ġġustizzjati, li l-"konfessjonijiet" miksuba taħt tortura se jiġu eskluży mill-każijiet tagħhom, u li d-delinkwenti minorenni kollha se jingħataw proċess ġust mingħajr l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt; jitlob li l-allegazzjonijiet ta' Abdullah al-Howaiti li ġie soġġett għal tortura jiġu investigati, u li l-awturi kollha tar-reat jitressqu quddiem il-ġustizzja;

3. Iħeġġeġ lill-Arabja Sawdija tabolixxi b'mod ġenwin il-piena tal-mewt għad-delinkwenti minorenni, skont l-obbligi tagħha fl-ambitu tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, irrispettivament mit-tip ta' reat, inklużi *ta'zir* (reati b'sentenzi diskrezzjonali), *hudud* u *qisas*, abbażi ta' mill-inqas erba' akkużati minorenni huma f'riskju ta' sentenzi tal-mewt; jistieden lill-Arabja Sawdija tippubblika d-Digriet Reġju tagħha tal-2020 sabiex tipprovdi protezzjoni sħiħa u retroattiva lid-delinkwenti minorenni, kif iddikjarat mill-awtoritajiet Sawdin, u tallinja l-Liġi dwar il-Minorenni tagħha mal-istandards internazzjonali;

4. Itenni l-kundanna tiegħu għall-użu tal-piena tal-mewt fi kwalunkwe każ u f'kull ċirkostanza; jistieden lill-Arabja Sawdija timplimenta moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet sakemm jiġu aboliti, u tipproċedi għal rieżami indipendenti tal-każijiet kollha fis-sistema tal-ġustizzja kriminali tagħha li tinvolvi l-piena tal-mewt għal reati fit-tfulija, jew abbażi ta' konfessjonijiet miksuba taħt tortura, jew fejn ma kienx hemm proċess ġust, u tippubblika s-sejbiet tar-rieżami; jitlob li jsir djalogu internazzjonali u nazzjonali dwar l-ostakli li fadal għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt għad-delinkwenti minorenni kollha, li jwitti t-triq għall-abolizzjoni sħiħa tal-piena tal-mewt fl-Arabja Sawdija;

5. Jilqa' d-deċiżjoni reċenti tal-awtoritajiet li jibdlu s-sentenzi tal-mewt mogħtija lis-Sur Ali al-Nimr, lis-Sur Dawood al-Marhoon u lis-Sur Abdullah al-Zaher għal reati allegatament imwettqa meta kienu minorenni bħala pass neċessarju lejn il-konformità tal-Arabja Sawdija mal-obbligi nazzjonali u internazzjonali tagħha fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal; jitlob għal-ħelsien tagħhom f'konformità mat-talbiet tal-esperti tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, peress li dawn l-esperti preċedentement qiesu r-reati tagħhom bħala l-kriminalizzazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertajiet ta' għaqda u ta' espressjoni;

6. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jirrieżaminaw il-każijiet tal-priġunieri kollha li bħalissa huma taħt sentenza tal-mewt bil-għan li jibdlu s-sentenzi tagħhom jew joffru proċess ġdid u ġust fejn il-piena tal-mewt ma tiġix imposta;

7. Iħeġġeġ lid-delegazzjoni tal-UE u lill-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri tal-UE fl-Arabja Sawdija jitolbu b'urġenza li jżuru lid-delinkwenti minorenni detenuti kkundannati għall-mewt;

8. Iħeġġeġ lill-Kunsill jissospendi l-esportazzjonijiet kollha tal-UE ta' teknoloġija ta' sorveljanza tal-massa u oġġetti oħra b'użu doppju lejn l-Arabja Sawdija li jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw ir-repressjoni interna u s-silenzju tas-soċjetà ċivili; jisħaq fuq ir-responsabilità speċjali tal-kumpaniji tas-sigurtà tal-IT kif ukoll tas-servizzi tal-intelligence nazzjonali li jaħdmu fl-UE u l-obbligu morali u legali tagħhom li jevitaw li jkunu f'sitwazzjoni fejn il-persunal attwali jew preċedenti tagħhom jassistu lill-Arabja Sawdija fir-repressjoni tal-popolazzjoni tagħha stess billi jaħdmu indirettament jew direttament għall-awtoritajiet Sawdin biex irażżnu d-dissens intern u l-libertà ta' espressjoni;

9. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Arabja Sawdija jirrispetta l-impenji tiegħu skont il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura (CAT), li huwa rratifika, u jħeġġeġ bil-qawwa lir-Renju tal-Arabja Sawdija jirratifika l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-ICCPR bil-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt;

10. Jikkundanna bil-qawwa x-xejra ta' sentenzi ħorox ta' priġunerija mogħtija lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, lill-kritiċi paċifiċi u lill-attivisti, u jtenni s-solidarjetà tiegħu mal-ħidma importanti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħtieġa li tiġi protetta l-libertà tal-kelma u ta' espressjoni;

Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021

11. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tad-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem, tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, tal-kritiċi paċifiċi, u tal-attivisti, inklużi Abdurahman al-Sadhan, Mohammed al-Otaibi, Khaled Al-Omair, Mohammed al-Rabiah, Israa al-Ghomgham, Mousa al-Hashim, Ahmed al-Matrood, Khaled al-Ghanim, Ali al-Ouwaisher, Mujtaba al-Muzain, Waleed Abu al-Khair, Abdulaziz al-Shubaili, Issa al-Nukhaifi u Natheer al-Majed;

12. Jappella għal-libertà sħiħa tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li nħelsu temporanjament iżda għadhom qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet, bħal Loujain al-Hathloul, inkluż billi jitneħħew il-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar tagħhom u tal-familji tagħhom, jitneħħew il-projbizzjonijiet fuq ix-xogħol, tiġi limitata s-sorveljanza online, u jiġu restawrati d-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini;

13. Ifakkar li r-rebbieħ tal-Premju Sakharov Raif Badawi issa ilu l-ħabs għal disa' snin; jistieden lill-UE, lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali jżidu l-pressjoni fuq il-Gvern Sawdi u jaħdmu għall-ħelsien immedjat tiegħu;

14. Jenfasizza li l-eżerċizzju tad-drittijiet għal-libertà ta' espressjoni, ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni paċifika huwa protett mid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Sawdin ineħħu r-restrizzjonijiet fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li jipprojbuhom milli jitkellmu fil-media soċjali u lill-media internazzjonali;

15. Jesprimi tħassib dwar il-prattika ta' seduti sigrieti; jinsisti li sabiex jiġi żgurat li qed jiġu segwiti proċeduri ta' proċessi ġusti u xierqa, il-missjonijiet diplomatiċi, inklużi osservaturi mid-Delegazzjoni tal-UE fl-Arabja Sawdija jew l-istituzzjonijiet tal-UE, u l-NGOs internazzjonali għandhom jitħallew jattendu seduti ta' smigħ u jżuru l-ħabsijiet Sawdin;

16. Jistieden lill-Gvern tal-Arabja Sawdija jikkoopera bis-sħiħ mal-korpi tan-NU u jestendi stedina permanenti għaż-żjara tal-Proċeduri Speċjali kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u jikkoopera b'mod proattiv, b'mod partikolari mar-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra;

17. Jinsab imħasseb serjament dwar id-definizzjoni vaga tat-terroriżmu fil-Liġi Kontra t-Terroriżmu tal-pajjiż; jikkundanna l-użu tal-Qorti Kriminali Speċjalizzata, qorti mfassla biex tittratta kwistjonijiet ta' terroriżmu, bħala għodda biex tikkastiga lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

18. Iħeġġeġ lill-Gvern Sawdi jirratifika l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

19. Itenni l-importanza ta' għodod bħad-Djalogu bejn l-UE u l-Arabja Sawdija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem biex imexxu aktar diskussjoni, u jħeġġeġ l-attivazzjoni tiegħu mingħajr dewmien; Iħeġġeġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lid-Delegazzjonijiet kollha tal-UE li jattendu d-Djalogu biex jimpenjaw ruħhom mas-soċjetà ċivili qabel id-Djalogu sabiex jiżguraw informazzjoni aġġornata u għarfien ta' każijiet speċifiċi li għandhom jitqajmu; iħeġġeġ l-użu ta' punti ta' riferiment biex jimmarkaw il-progress tad-diskussjonijiet;

20. Jiddenunzja l-fatt li s-sistema politika Sawdija għadha profondament mhux demokratika u qed tkompli trażżan b'mod sever il-biċċa l-kbira tal-vuċijiet kuntrarji minkejja t-tħabbir ta' riformi ambizzjużi relatati mad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi fil-bini tal-konsulat Sawdi f'Istanbul fit-2 ta' Ottubru 2018 jibqa' messaġġ ta' tkexkix għall-vuċijiet kritiċi kollha fl-Arabja Sawdija, inklużi ħafna attwalment miżmuma f'detenzjoni għall-attiviżmu paċifiku tagħhom; jappoġġa bil-qawwa l-applikazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Sanzjonijiet Globali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kontra dawk responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem fl-Arabja Sawdija, inkluż il-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi; jistieden lill-komunità internazzjonali ssegwi bir-reqqa r-Rapport Callamard li implika lill-Prinċep Eredi Sawdi Mohammad Bin Salman;

21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-President tal-Kunsill kif ukoll lill-VP/RGħ u lis-SEAE jqajmu tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-piena tal-mewt, matul il-laqgħat formali u informali kollha mal-kontropartijiet Sawdin tagħhom; jiddispjaċih dwar l-approċċ timidu tal-UE għad-diplomazija pubblika dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-Arabja Sawdija; jitlob għalhekk, lis-servizzi diplomatiċi Ewropej f'Riyadh u bnadi oħra fl-Arabja Sawdija biex sistematikament jużaw il-mekkaniżmi previsti fil-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi dikjarazzjonijiet pubbliċi, démarches diplomatiċi, monitoraġġ tal-proċessi u żjarat fil-ħabs;

22. Jistieden lill-UE tappoġġa kwalunkwe azzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU biex l-awtoritajiet tar-Renju tal-Arabja Sawdija jinżammu responsabbli għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-UE biex, fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, tipproponi l-ħatra ta' Rapporteur Speċjali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Arabja Sawdija;

Il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021

23. Jistieden lid-delegazzjoni tal-UE u lir-rappreżentanzi tal-Istati Membri tal-UE fil-pajjiż isaħħu l-appoġġ tagħhom għas-soċjetà ċivili fl-interazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet Sawdin, u jużaw l-istrumenti kollha disponibbli għalihom biex iżidu l-appoġġ tagħhom għall-ħidma tad-drittijiet tal-bniedem, jiffaċilitaw il-ħruġ ta' viżi ta' emerġenza fejn xieraq u jipprovdu rifuġju temporanju fl-Istati Membri tal-UE;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Maestà Tiegħu r-Re Salman bin Abdulaziz Al Saud u lill-Prinċep Eredi Mohammad bin Salman al-Saud, lill-Gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija, kif ukoll lis-Segretarju Ġenerali taċ-Ċentru għad-Djalogu Nazzjonali tar-Renju tal-Arabja Sawdija.